**PARLAMENT TA’ MALTA**

**AĠENDA**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

SEDUTA NUMRU 198

It-Tlieta, 23 ta' Jannar, 2024 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

*** 12180. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista’ l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11156, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, u jgħid kemm tħallsu flus s’issa fi spejjeż legali, eċċ. mill-Gvern Malti fl-arbitraġġ internazzjonali li fetaħ kontra Malta s-sid tal-Bank Pilatus?

10/10/2023

*** 12181. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11156, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, u jgħid kemm tħallsu flus s’issa fi spejjeż legali, eċċ. mill-Gvern Malti fl-arbitraġġ internazzjonali li fetaħ kontra Malta s-sid tal-Bank Pilatus?

10/10/2023

*** 12373. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista’ l-Ministru jgħid meta se jibda jkun hemm tabib tal-għajnejn fil-klinika tal-Gvern tal-Mosta?

16/10/2023

*** 12374. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il kuntratt ġie ffirmat għal unit tal-akkomodazzjoni soċjali mill-2017, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u kemm għadhom qed jistennew biex jingħatalhom dan il-unit?

16/10/2023

*  **12479.** **L-ONOR. IVAN BARTOLO** **staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu ċitazzjonijiet għall-kontravenzjonijiet fuq l-ambjent fil-lokalitajiet tal-Mosta, Mdina u H'Attard mill-2017, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u kemm inġabru flus b'kollox?

17/10/2023

*  **12546.** **L-ONOR. IVAN BARTOLO** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jgħid meta ħa jinbeda x-xogħol minn Infrastructure Malta fi Triq Mattew Callus, il-Mosta? Jista' jgħid ukoll fiex ħa jikkonsisti dan ix-xogħol u x'inhuma t-timeframes?

19/10/2023

*  **14047.** **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10768, jista' l-Ministru jgħid meta ser ikun lest ir-rapport annwali tal-Kummissarju għall-Ħarsien u l-Iżvilupp tal-Priġunieri u meta ser jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra?

04/12/2023

*  **14048.** **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** **staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 10856 u 10872 li saru lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali rispettivament, jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm impjegati li għamlu użu mill-Employee Support Programme (ESP) fil-perjodu bejn l-2018 u l-2023, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

04/12/2023

*  **14049.** **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** **staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 10856 u 10872 li saru lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali rispettivament, jista' l-Prim Ministru jgħid kemm impjegati minn kull Ministeru għamlu użu mill-Employee Support Programme (ESP) fil-perjodu bejn l-2018 u l-2023, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

04/12/2023

*  **14050.** **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** **staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 10856 u 10872 li saru lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali rispettivament, jista' l-Prim Ministru jgħid x'inhuma l-iktar problemi komuni li jippreżentaw impjegati li għamlu użu mill-Employee Support Programme (ESP) fil-perjodu bejn l-2018 u l-2023, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

04/12/2023

***   14051.   L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista’ l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm impjegati li għamlu l-ilment tagħhom mad-Dipartment għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi (DIER)? Jista’ jgħid ukoll kemm minn dawn l-ilmenti kienu ġejjin minn persuni ta’ pajjiżi terzi u liema huma l-iktar ilmenti komuni?

04/12/2023

***   14052.   L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

B’referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 6258 u 6622 li ngħataw fi Frar 2023, jista’ l-Ministru jagħti aġġornament dwar id-diskussjonijiet mal-Ministeri għas-Saħħa u għall-Edukazzjoni dwar il-ftuħ ta’ Child Development Assessment Unit (CDAU) ġewwa Għawdex? Jista’ jgħid ukoll jekk dawn id-diskussjonijiet, li issa ilhom għaddejjin xhur, waslux għal xi pjanijiet konkreti?

04/12/2023

***   14193.   L-ONOR. CHRIS SAID   staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista’ l-Ministru jgħid liema siti storiċi jew arkeoloġiċi f'Għawdex u Kemmuna huma protetti u kemm ilhom protetti? Jista’ jgħid ukoll liema siti oħra għaddejjin mill-proċess u huma mistennija li jiġu ddikjarati bħala protetti matul is-sena 2024?

11/12/2023

***   14194.   L-ONOR. CHRIS SAID   staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

Jista’ l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar il-bini mill-ġdid ta' stallel taż-żwiemel u 'manure clamp' ġewwa l-Korsa taż-Żwiemel Ta’ Xħajma, fix-Xewkija?

11/12/2023

***   14195.   L-ONOR. CHRIS SAID   staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

Jista’ l-Ministru jgħid x’works of art ġew akkwistati għall-Gozo Museum matul is-sena 2023 u kemm intefqu flus? Jista’ jgħid ukoll kemm hu l-Vot, fl-estimi tal-Baġit għas-sena 2024, għax-xiri ta' Works of Art għall-Gozo Museum?

11/12/2023

***   14196.   L-ONOR. CHRIS SAID   staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

Jista’ l-Ministru jgħid meta hu maħsub li ser jitkomplew isiru l-crash barriers ġewwa Triq l-Imgħallem ħdejn il-Wied tas-Salve Reġina peress li ma hemmx ilqugħ ta' protezzjoni li jifred dan il-wied mit-triq?

11/12/2023

***  14197.  L-ONOR. CHRIS SAID  staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Fid-dawl li f'dawn l-aħħar ġimgħat u ġranet baqgħet tippersisti l-problema ta' ħruġ ta' drenaġġ mill-impjant tal-Fessej għal ġol-bajja tax-Xatt l-Aħmar u ż-żoni tal-madwar, tista' l-Ministru tgħid meta hu maħsub (xahar u sena) li tiġi solvuta din l-imsemmija problema darba għal dejjem?

11/12/2023

***  14214.  L-ONOR. CHRIS SAID  staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi

Fid-dawl ta' diversi inċidenti li seħħew f'dawn l-aħħar xhur u ġimgħat fil-Junction ta' Triq Ta' Sannat ma' Triq ix-Xewkija u Triq Marziena, Sannat, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri ta' traffic calming measures qed jittieħdu jew beħsiebhom jittieħdu mill-Gvern jew l-entitajiet tiegħu sabiex tiġi indirizzata l-problema ta' sewqan eċċessiv jew abbużiv f'dawn it-toroq u l-Junction?

12/12/2023

***  14365.  L-ONOR. DARREN CARABOTT  staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' kemm-il direct order għall-fotografi jew vidjografi inkarigati mill-Ministeru li ngħataw f'din l-aħħar sena u dan billi jipprovdi l-isem tal-kuntrattur, id-dati tal-inkarigu, l-attivitajiet li saru u kif ukoll l-ammonti mħallsa?

21/12/2023

***  14366.  L-ONOR. DARREN CARABOTT  staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' kemm-il direct order għall-fotografi jew vidjografi inkarigati mill-Ministeru li ngħataw f'din l-aħħar sena u dan billi jipprovdi l-isem tal-kuntrattur, id-dati tal-inkarigu, l-attivitajiet li saru u kif ukoll l-ammonti mħallsa?

21/12/2023

***  14367.  L-ONOR. DARREN CARABOTT  staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' direct orders li ngħataw mill-Kunsilli Lokali u l-Kunsilli Reġjonali kollha ta' Malta u Għawdex għal din l-aħħar sena?

21/12/2023

***  14368.  L-ONOR. DARREN CARABOTT  staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ pendenti ta' child protection hemm preżentement, u jipprovdi d-dati ta' meta saru r-rapporti rispettivament għal kull każ?

21/12/2023

***	14369.	L-ONOR. DARREN CARABOTT	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx irreġistrati ilmenti fi Triq il-Kbira San Ġużepp, f'Santa Venera minħabba l-ilmijiet li qed ikun hemm wara li kien sar l-asfaltar u jgħid x'qed isir biex din il-problema tiġi indirizzata?

21/12/2023

***	14370.	L-ONOR. DARREN CARABOTT	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jgħid u jipprovdi kopja tat-talbiet li saru u l-konsultazzjoni li saret dwar fejn saru rampi, ħruġ tal-bankini u kull tibdil ieħor li sar fi Triq il-Kbira San Ġużepp, f'Santa Venera u l-Ħamrun?

21/12/2023

***	14499.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti tul is-sena 2023 fil-lokalità ta' Santa Luċija, u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq?

03/01/2024

***	14500.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti tul is-sena 2023 fil-lokalità tal-Gudja, u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq?

03/01/2024

***	14501.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti tul is-sena 2023 fil-lokalità ta' Ħal Għaxaq, u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq?

03/01/2024

***	14502.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti tul is-sena 2023 fil-lokalità tal-Fgura, u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq?

03/01/2024

***	14503.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti tul is-sena 2023 fil-lokalità ta' Wied il-Għajn, u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq?

03/01/2024

* 14504. **L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti tul is-sena 2023 fil-lokalità taż-Żejtun, u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq?

03/01/2024

* 14646. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** **staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jagħti update meta ser tinfetaħ il-community clinic ġewwa San Ġiljan?

09/01/2024

* 14647. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** **staqsa lill-**
Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx deċiżjoni li tinbena High Commission ġdida ġewwa l-Ghana, wara li sena ilu, f'Jannar tal-2023, il-Ministru kien inawgura l-ftuħ tal-ewwel High Commission f'dan il-pajjiż?

09/01/2024

* 14648. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** **staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika

Jista' l-Ministru jgħid meta nżammet l-aħħar laqgħa ta' Paceville Town Committee fejn kien mistieden jattendi s-sindku attwali ta' San Ġiljan?

09/01/2024

* 14649. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** **staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Jista' l-Ministru jgħid meta ser tkun qed tiġi emendata l-liġi dwar il-bouncers?

09/01/2024

* 14650. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** **staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jipprovdi lista sħiħa ta' aġenziji kummerċjali li għandhom liċenzja li jħaddmu/jagħtu s-servizz ta' bouncers f'Malta?

09/01/2024

* 14711. **L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** **staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra sick leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

*** 14712. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

*** 14713. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR staqsiet lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

*** 14714. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

*** 14715. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

*** 14716. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR staqsiet lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

*** 14775. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista' l-Ministru tgħid kemm qed tipproduċi metri kubi ta' new water kuljum kull polishing plant separatament?

12/01/2024

*** 14776. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista’ l-Ministru tgħid kemm hi d-domanda ta' new water kull ġurnata f'metri kubi?

12/01/2024

*** 14777. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb, u jekk fl-affermattiv meta l-istat ser jibda jagħti rebates fuq il-fuel lill-bdiewa u r-raħħala bħalma qed isir f'pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropeja bħal Franza, il-Polonja u Spanja?

12/01/2024

*** 14781. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14243, jista’ l-Ministru jagħti d-dettalji mitluba fil-mistoqsija parlamentari, u ċjoè jagħti tagħrif dwar fuq liema kriterji indikati fil-Kap 188 (Att dwar iċ-Ċittadinanza), ingħataw iċ-ċittadinanzi indikati fit-tweġiba, maqsuma xahar b’xahar, u liema kienet iċ-ċittadinanza maqsuma xahar xahar u pajjiż pajjiż, tal-persuni li ngħataw iċ-ċittadinanza Maltija fil-perjodu ndikat?

12/01/2024

*** 14802. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul is-sena 2023, xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

12/01/2024

*** 14803. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul is-sena 2023, xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

12/01/2024

*** 14804. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul is-sena 2023, xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

12/01/2024

***	14805.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul is-sena 2023, xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

12/01/2024

***	14806.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika

Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul is-sena 2023, xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

12/01/2024

***	14807.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul is-sena 2023, xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

12/01/2024

***	14830.	L-ONOR. TONI BEZZINA	staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn April 2013 sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

***	14831.	L-ONOR. TONI BEZZINA	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn April 2013 sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

***	14832.	L-ONOR. TONI BEZZINA	staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista’ l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b’sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista’ jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn April 2013 sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

***	14889.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika

Jista' l-Ministru jipprovdi l-iskeda tal-knis u tindif ieħor fi Vjal il-Labour, fin-Naxxar? Jista' jgħid jekk dan il-knis u tindif huwiex qed isir regolarment?

15/01/2024

***	14890.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat

Tista' l-Ministru tgħid kemm-il appell għal blue badge hemm pendenti (fuq il-lista ta’ stennija)? Meta hu mistenni li dawn l-appelli jiġu konklużi u l-applikant ikun infurmat bid-deċiżjoni tal-appell?

15/01/2024

***	14891.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni fuq il-lista ta’ stennija għal xi servizz fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU), maqsuma servizz servizz, sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid x’inhuma l-etajiet ta’ dawn il-persuni?

15/01/2024

***	14892.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista’ l-Ministru jgħid kemm kien hemm tfal jew żgħażagħ li qed jistennew li jidhru quddiem l-iStatementing Moderating Panel sabiex jiġi determinat jekk dawn ikollhomx bżonn Learning Support Assistant (LSA) fl-aħħar tas-sena 2022 u fl-aħħar ta-sena 2023 separatament? Għal kull sena, jista’ jgħid kemm-il talba għal statementing report kien hemm u kemm minn dawn ġew statemented?

15/01/2024

***	14903.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14457 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-pjanti oriġinali li kienu sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini ta' ċentru tas-saħħa fil-Qawra? Jista' jqiegħed ukoll kopja tal-pjanti mibdula li ġew sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-istess ċentru tas-saħħa?

16/01/2024

***	14963.	L-ONOR. REBEKAH BORG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12571, 13873, 14102, 14222 u 14524 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12158, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sejħiet kollha li nħarġu sabiex kienu impjegati l-avukati li jaħdmu internament fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet u li għamel referenza għalihom fit-tweġiba tiegħu?

16/01/2024

***	14997.	L-ONOR. ADRIAN DELIA	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi

B'referenza għall-ittestjar tal-vetturi minn Transport Malta, jista' l-Ministru jgħid kif isiru dawn it-testijiet? X'inġenji/makkinarju/equipment għandhom biex jagħmlu t-testijiet?

17/01/2024

***	14998.	L-ONOR. ADRIAN DELIA	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi

B'referenza għall-ittestjar tal-vetturi minn Transport Malta, jista' l-Ministru jgħid kif jintgħażel min jissejjaħ għat-testijiet? Jista' jgħid jekk jaġixxux fuq rapporti? Jista' jgħid jekk ir-rapporti jistgħux ikunu anonimi? Jista' jgħid jekk wara li jsir it-test isirux rapporti? Jista' jgħid jekk ir-rapporti jkunux interni jew jekk jingħatawx lis-sidien tal-vettura? Jista' jgħid x'passi jittieħdu wara li jsiru t-testijiet?

17/01/2024

***	14999.	L-ONOR. ADRIAN DELIA	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi

B'referenza għall-ittestjar tal-vetturi minn Transport Malta, jista' l-Ministru jgħid x'taħriġ jingħataw dawk li jagħmlu t-testijiet? Meta l-aħħar li ħadu xi taħriġ? Min għamlilhom dan it-taħriġ?

17/01/2024

***	15089.	L-ONOR. ADRIAN DELIA	staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid kif l-allokazzjoni tal-baġit għas-sena 2024 ser tkun differenti għas-settur tas-saħħa?

17/01/2024

*       **15090.**      **L-ONOR. ADRIAN DELIA**                       **staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid b'kemm għandu jiżdied il-baġit li jmiss għas-settur tas-saħħa?

17/01/2024

*       **15091.**      **L-ONOR. ADRIAN DELIA**                       **staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid liema targets ser jintlaħqu mill-baġit allokat għas-settur tas-saħħa għal din is-sena? Jista' jgħid liema targets għandhom jingħataw prijorità immedjata, prijorità medja (għas-sena d-dieħla) u liema għandhom jingħataw prijorità aktar fit-tul?

17/01/2024

*       **15120.**      **L-ONOR. IVAN CASTILLO**                       **staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jippreżenta lista b'kull ftehim kollettiv pendenti fis-settur pubbliku u ċivili u meta dawn skadew? Jista' jgħid ukoll ma' liema union qed isiru jew se jsiru d-diskussjonijiet?

17/01/2024

*       **15121.**      **L-ONOR. IVAN CASTILLO**                       **staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid kemm hemm persuni allokati biex jagħmlu negozjar fil-Public Sector Collective Bargaining Unit?

17/01/2024

*       **15122.**      **L-ONOR. IVAN CASTILLO**                       **staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fil-Public Sector Bargaining Unit?

17/01/2024

*       **15123.**      **L-ONOR. IVAN CASTILLO**                       **staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER)?

17/01/2024

***        15124.      L-ONOR. IVAN CASTILLO                    staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid kemm hemm enforcement officers allokati fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER) li jagħmlu l-ispezzjonijiet?

17/01/2024

***        15125.      L-ONOR. IVAN CASTILLO                    staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jippreżenta lista li turi:
a.        iż-żieda perċentwali fil-pagi għal kull ftehim kollettiv iffirmat matul l-2022 u l-2023 fis-Settur Pubbliku u Ċivili u s-Section/Sector/Authority li ġie ffirmat il-ftehim kollettiv?
b.        l-isem tal-Unjoni li magħha saru n-negozjati?

17/01/2024

***        15151.      L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG        staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-persuni li jiffurmaw parti mill-Bord tal-Public Broadcasting Services?

17/01/2024

***        15152.      L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG        staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-persuni li jiffurmaw parti mill-Bord Editorjali tal-Public Broadcasting Services?

17/01/2024

***        15153.      L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG        staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema mal-Public Broadcasting Services, kemm minnhom huma full time u kemm minnhom huma part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jaħdmu fit-televiżjoni, kemm minnhom fuq ir-radju u kemm minnhom fuq it-tnejn?

17/01/2024

***        15154.      L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG        staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm kumpaniji li qed jagħtu servizz ta' produzzjoni ta' programmi lill-Public Broadcasting Services bħalissa? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma programmi fuq ir-radju, kemm minnhom fuq it-televiżjoni u kemm minnhom fuq it-tnejn?

17/01/2024

***        15155.    L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG        staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm ħaddiema fis-settur pubbliku u s-servizz pubbliku li għamlu użu mill-Crisis Support tal-Employee Support Programme mill-2013 sal-2023, maqsuma sena b'sena?

17/01/2024

***        15156.    L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG        staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm ħaddiema fis-settur pubbliku u s-servizz pubbliku li kienu riferuti għal sapport psikoloġiku mill-Managers jew Kapijiet tad-Dipartimenti fejn jaħdmu mill-2013 sal-2023, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm ħaddiema li għamlu użu bla ma kienu riferuti?

17/01/2024

***        15226.    L-ONOR. BERNICE BONELLO        staqsiet lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien it-telf li għamlet il-Malta Dockyard fl-aħħar ħames snin qabel ma għalqet?

17/01/2024

***        15227.    L-ONOR. BERNICE BONELLO        staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm nies jaħdmu full-time u part-time mal-Gvern b'kuntratt jew bħala persons of trust jew advisers jew experts li għandhom:
a. 'il fuq minn 65 sena;
b. 'il fuq minn 70 sena; u
ċ. 'il fuq minn 80 sena?
Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont l-etajiet indikati?

17/01/2024

***        15228.    L-ONOR. BERNICE BONELLO        staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn industriji u kumpaniji barranin li qegħdin igawdu mit-taxxa ta' 5% (wara li jiġu rifużi 30% mit-taxxa li jħallsu)? Kemm huwa l-ammont totali ta' taxxa li tħallset minnhom, sena b'sena fl-aħħar 15-il sena?

17/01/2024

***        15229.    L-ONOR. BERNICE BONELLO        staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn industiji/kumpaniji li jħallsu 35% taxxa fuq il-profitt? Kemm jimpjegaw nies dawn il-kumpaniji? X'inhu l-ammont ta' taxxa li tħallset minn dawn il-kumpaniji sena b'sena għal dawn l-aħħar 15-il sena?

17/01/2024

***	15230.	L-ONOR. BERNICE BONELLO	staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

Jista’ l-Ministru jgħid f’liema sena bdiet topera il-liġi dwar il-gaming companies?

17/01/2024

***	15231.	L-ONOR. BERNICE BONELLO	staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

Jista’ l-Ministru jgħid minn meta bdiet topera l-liġi dwar il-gaming companies, kemm kien hawn kumpaniji tal-gaming sena b’sena u kemm minnhom kienu Maltin? Kemm huwa l-ammont ta’ taxxa li ħallsu mill-profitt kull sena?

17/01/2024

***	15268.	L-ONOR. GRAHAM BENCINI	staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jikkonferma li fl-istaġun 2021/22 saret talba speċifika mill-PBS lill-UEFA biex jiġu mixtrija ammont kbir ta' biljetti fejn minn tal-inqas kien hemm seba’ biljetti mixtrija f'isem individwu wieħed għall-finali li saret fi Franza, li t-total tal-ispiża ta' din l-ordni kienet ta' €7,400, liema ħlas minn dan l-individwu sar f'kont personali ta' impjegat tal-PBS u mhux fil-kont bankarju tal-PBS ?

17/01/2024

***	15297.	L-ONOR. REBEKAH BORG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista' l-Ministru tgħid kemm-il rapport ta' undervoltage jew overvoltage rċeviet l-Enemalta mill-1 ta' Jannar tal-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fil-Bidnija, maqsuma xahar b’xahar?

17/01/2024

***	15298.	L-ONOR. REBEKAH BORG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista' l-Ministru tagħti spjegazzjoni għalfejn ħafna residenti fil-Bidnija baqgħu jsofru minn problemi fil-provvista tal-elettriku kontinwament minkejja li nbniet substation fil-viċinanzi, u tgħid jekk hux se jsir rinfurzar tas-sistema tad-distribuzzjoni biex titranġa s-sitwazzjoni?

17/01/2024

***	15299.	L-ONOR. REBEKAH BORG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali

Jista’ l-Ministru jgħid meta l-aħħar tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-korrezzjonijiet u żidiet fil-listi ta’ proprjetà li għalihom hemm referenza fl-artikoli 1, 5, 8, 9 u 10 tal-ftehim dwar it-trasferiment lill-Istat tal-proprjetà immobbli f’Malta mill-Knisja Kattolika?

17/01/2024

* 15304. **L-ONOR. GRAHAM BENCINI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid meta se toħroġ l-espressjoni ta' interess jew tender għar-riġenerazzjoni ta' Selmun Palace Hotel?

17/01/2024

* 15309. **L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jgħid x'inhu x-xogħol li għaddej fi Triq Durumblat u Vjal Ragusa, fil-Mosta, meta dawn it-toroq saru mill-ġdid madwar sentejn ilu?

18/01/2024

* 15314. **L-ONOR. IAN VASSALLO** **staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14425 u ċjoè: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11770 u 12113, jista' l-Ministru jgħid fiex wasal ir-rapport ta' Evalwazzjoni għall-approvazzjoni tal-għotja mill-GCC għax-xiri ta' uniformijiet tal-allied health professionals minħabba li wara xahrejn ma ngħataw l-ebda uniformijiet u li dawn l-istess professjonisti ilhom jistennew din l-uniformi għal snin twal?

18/01/2024

* 15315. **L-ONOR. IAN VASSALLO** **staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14428 u ċjoè: Jekk ser ikunu qegħdin jintużaw single use nail clipper fis-settur tas-saħħa, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm rapport ta' kif dawn ser jiġu mormija u jekk l-użu ta' single use nail clippers hux ser joħloq aktar skart u ħsara lill-ambjent meta mqabbel ma' dawk użati preżentement li qed jiġu sterilizzati?

18/01/2024

* 15316. **L-ONOR. IAN VASSALLO** **staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14429, jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport daħal minn staff rigward moffa jew ħsara fis-suffetti f'dawn l-aħħar sentejn, minn liema swali jew lok fl-Isptar Mater Dei u kemm minnhom ġew riżolti?

18/01/2024

* 15329. **L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħljiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jgħid jekk l-operatur tat-trasport pubbliku huwiex obbligat jikkonsulta mal-kunsilli lokali dwar il-postijiet fejn ser ikunu qed isiru bus-stops/stages meta jsir tibdil jew estensjoni f'xi rotta?

18/01/2024

***  15330. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG  staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14632, jista’ l-Ministru jgħid f’liema stat ta’ manutenzjoni jinsabu dawn it-toilets pubbliċi? Jista’ jikkonferma li kull ‘item’ f’din il-latrina pubblika taħdem?

18/01/2024

***  15358. L-ONOR. ALEX BORG  staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

Peress li kienet wegħda elettorali tal-Gvern preżenti, jista’ l-Ministru jgħid jekk għadx hemm pjan li jinxtara r-raba’ vapur ġdid tal-Gozo Channel? Jekk iva, jista' jagħti time-frame ta' meta ser iseħħ dan?

19/01/2024

***  15359. L-ONOR. ALEX BORG  staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan biex tiġi ristrutturata Triq it-Tiġrija, fin-Nadur?

19/01/2024

***  15360. L-ONOR. ALEX BORG  staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jagħti dettalji ta' meta ser jinbeda l-proġett tal-'Victoria Parks'?

19/01/2024

***  15361. L-ONOR. ALEX BORG  staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jagħti lista ta' playing fields ġewwa Għawdex li ser jiġu ristrutturati?

19/01/2024

***  15362. L-ONOR. ALEX BORG  staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista’ l-Ministru jagħti lista ta' mediċini li huma out of stock mill-Ispiżerija tal-Gvern?

19/01/2024

***  15363. L-ONOR. ALEX BORG  staqsa lill-**
Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm Għawdxin fil-waiting list li qed jistennew xi forma ta' operazzjoni?

19/01/2024

***     15386.     L-ONOR. EVE BORG BONELLO     staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, kopja tal-ftehim li ntlaħaq mal-importaturi u s-sidien tas-supermarkets għall-inizjattivà ta' stabbiltà fil-prezzijiet tal-ikel?

19/01/2024

***     15387.     L-ONOR. EVE BORG BONELLO     staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista' l-Ministru tgħid kemm intefqu flus fuq il-billboards li jirreklamaw Ambjent Malta?

19/01/2024

***     15388.     L-ONOR. EVE BORG BONELLO     staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista' l-Ministru tgħid kemm intefqu flus s'issa fi Project Green, u tagħti break down ta' dan l-infiq?

19/01/2024

***     15389.     L-ONOR. EVE BORG BONELLO     staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista' l-Ministru tgħid kemm intefqu flus fi Project Green f'termini ta' reklamar, b'ammont totali kif ukoll break down tal-ispejjeż f'reklamar fuq il-midja soċjali, retainers, billboards, events, PR officials, videos, ritratti, reklamar f'gazzetti, reklamar onlajn, konferenzi stampi, eċċ.?

19/01/2024

***     15390.     L-ONOR. ROBERT CUTAJAR     staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jindika kemm ingħataw ċitazzjonijiet u f'liema toroq mill-Uffiċjali tal-LESA fil-lokalitajiet (b'mod separat) tal-Mellieħa, San Pawl il-Baħar (Buġibba, Qawra u Xemxija) u n-Naxxar bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-15 ta' Jannar 2024?

19/01/2024

***     15391.     L-ONOR. ROBERT CUTAJAR     staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jindika kemm ingħataw ċitazzjonijiet mill-Uffiċjali tal-LESA fil-lokalitajiet kollha f'Malta u Għawdex (b'mod separat) bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-15 ta' Jannar 2024?

19/01/2024

***     15392.     L-ONOR. ROBERT CUTAJAR     staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jara li l-apparat (Automated Border Control Gates) fis-sala tal-wasliet fl-Ajruport Internazzjoni ta' Malta, li ilu għal aktar minn sena installat u mixgħul, iżda qatt ma ntuża, jibda jitħaddem?

19/01/2024

***	15393.	L-ONOR. ROBERT CUTAJAR	staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid x'se jkun qed isir mill-Palazz ta' Selmun, ġaladarba dan kien restawrat?

19/01/2024

***	15394.	L-ONOR. ROBERT CUTAJAR	staqsa lill-**
Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali

Jista' l-Ministru jgħid x'se jkun qed isir mill-Palazz ta' Selmun, ġaladarba dan kien restawrat?

19/01/2024

***	15395.	L-ONOR. ROBERT CUTAJAR	staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jindika jekk il-Gvern għandux pjanijiet u jekk iva, x'inhuma dawn il-pjanijiet dwar x'ser isir:
a. mill-Binja li qabel kienet lukanda f'Selmun;
b. mill-Forti Campbell; u
c. mill-Palazz l-Aħmar fil-Marfa (limiti tal-Mellieħa)?

19/01/2024

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

1. Abbozz Nru 73 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport – Tieni Qari – Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

2. Abbozz Nru 80 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) – Tieni Qari – Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

3. Abbozz Nru 87 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati – Tieni Qari – Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

4. Abbozz Nru 77 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

5. Abbozz Nru 78 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

6. Abbozz Nru 66 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

7. Abbozz Nru 67 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

8. Abbozz Nru 17 – Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra bi rwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

9. Abbozz Nru 18 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

10. Abbozz Nru 19 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

11. Abbozz Nru 23 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

12. Abbozz Nru 64 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

13. Abbozz Nru 72 – Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi – Tieni Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

14. Abbozz Nru 82 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

15. Abbozz Nru 88 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali – Tieni Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

16. Mozzjoni Nru 208 – Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar Aġenziji tal-Impjieg – Kontinwazzjoni

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**22 ta' Jannar 2024**

## KUMITATI TAL-KAMRA

### KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi se jiltaqa' nhar **it-Tlieta, 23 ta' Jannar 2024, fis-2.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Rapport tal-Awditur Ġenerali *A review of the implementation of Sustainable Development Goal 2: Addressing pre-obesity and obesity – July 2023* – Introduzzjoni mill-Awditur Ġenerali.

### KUMITAT GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

Il-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi se jiltaqa' nhar it-**Tlieta, 23 ta' Jannar 2024, fl-4.30 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Abbozz Nru 49 –Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni – (Konsiderazzjoni mill-ġdid);
3. Abbozz Nru 76 –Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni – Kontinwazzjoni; u
4. Abbozz Nru 65 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni.

Abbozz Nru 3 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza
Abbozz Nru 86 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) – Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat
Abbozz Nru 68 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni
Abbozz Nru 83 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza
Abbozz Nru 76 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni (Kontinwazzjoni)

### KUMITAT GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI AĠĠUNT

Il-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt se jiltaqa' nhar it-**Tlieta, 23 ta' Jannar 2024, fil-5.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Abbozz Nru 81 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet – Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**22 ta' Jannar 2024**